MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 809/2003

**Dingli Co International Limited**
**bhala mandatrici tas-socjeta estera**
**ta' The Performing Right Society**
**Limited ta' Londra, Ingilterra**

**vs**

**Marousca Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas ta' seba' u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm27.60) kwantu ghal Lm24 Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Awissu 2002 sal-5 ta' Awissu 2003 in konnessjoni mal-licenzja nru. 11806 rilaxxjata mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja il-konvenut inghata d-dritt li jxandar lill- pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment Salone de Marusk, Birzebbugia u Lm3.60 Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
Semgha x-xhieda u t-trattazzjoni.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:-
1. Il-kontenzjoni tal-konvenuta hija li l-hlas m'huwiex dovut ghaliex kull ma taghmel fis-salon taghha hi li tuza radju zghir biex tisma' l-ahbarijiet.

2. Hu x'inhu l-apparat li l-konvenut tuza fis-salon taghha, huwa maghruf li *pacta sunt servanda*. Il-konvenuta ghazlet li tiffirma ftehim mas-socjeta attrici sabiex tkun tista' ddoqq il-muzika fil-pubbliku [igifieri fis-salon]. Il-kuntratt li ffirmat il-konvenuta jistipula:- ***"The Performing Right Society Limited ("the Society") by its signature to this document grants the Licensee a licence (subject to the terms and conditions on both sides of this document) authorising the Communication to the public at the Premises of any and every musical work (including any words associated with it or them) for the time being in the repertoire of the Society and of the societies which for the time being are affiliated to it"*** [fol. 2].

3. Jekk il-konvenuta taghzel li ma ddoqqx muzika fis-salon ma jfissirx b'daqshekk li l-hlas m'huwiex dovut. Dan peress li l-ftehim jigi ffirmat u l-hlas isir ghall-ghoti ta' licenzja. X'taghmel il-persuna li bhal konvenuta tinghata din il-licenzja huwa affari taghha u l-fatt li tista' taghzel li ma ddoqqx muzika ma jfissirx li l-hlas m'huwiex dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' seba' u ghoxrin lira Maltija u sittin centezmu (Lm27.60) kif fuq spjegat, bl-imghax kif mitlub.

Spejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------